# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2002.**

**Kawza Numru: 5**

**Citaz. Nru. 2698/99GV**

Doc. 231-02

**Nathalie Attard**

**vs**

**Public Broadcasting Services Limited**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attrici hija mpjegata tas-Socjeta' konvenuta, u l-impieg taghha huwa regolata bil-ftehim kollettiv ta' l-impjegati tas-socjeta' konvenuta.

Premess li skond l-imsemmi ftehim kollettiv, jekk impjegat jonqos li jaghmel xogholu jew jekk jaghmel xi nuqqas, il-provvedimenti tal-artiklu 311 tal-ftehim jirregolaw il-proceduri li ghandhom jigu applikati: (Dok. A):

Premess illi s-socjeta' konvenuta, fir-rigward tal-attrici, f'zewg kazi, naqset li tapplika il-provvedimenti msemmija u harget zewg '*warnings*' lill-attrici, bi ksur

tal-imsemmija provvedimenti, u f'kaz minnhom anki minkejja li hemm kawza pendenti bejn l-partijiet dwar listess fatt: (Dok B u Dok. C).

Premess li s-socjeta' konvenuta, ghalkemm interpellata ufficcjalment, naqset li tirtira l-'*warnings*' imsemmija; (Dok. D u Dok. E);

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija marbuta li tosserva l-provvedimenti tal-ftehim kollettiv li ghandha mal-impjegati taghha anki fir-rigward ta' proceduri ta' Dixxiplina, u li s-socjeta' konvenuta naqset li tosserva l-imsemmija provvedimenti meta hija harget lill-attrici l-'*warning*' tal-21 ta' Ottubru, 1999 u l-'warning' tal-4 ta' Novembru, 1999 (Dok. B u Dok. C) u li fir-rigward tal-attrici l-istess socjeta' imxiet b'mod diskriminatorju;

2. Tordna lis-socjeta' konvenuta thassar l-imsemmija zewg '*warnings*' mahruga lill-attrici, wara li l-imsemmija '*warnings*' jigu ddikjarati li nhargu rregolarment u bi ksur tal-provvedimenti tal-ftehim kollettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru, 1999, l-ittra ufficjali tad-9 ta' Novembru, 1999, u l-ittra legali tat-12 ta' Novembru 1999, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 16 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt

2. U ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi t-twissijiet li dwarhom qed tilmenta l-attrici nhargu b'konformita' mal-Ftehim Kollettiv u dan wara li l-attrici naqset milli tobdi struzzjonijiet ragjonevoli u legittimi ta' l-*employer* taghha kif ukoll agixxiet b'mod illi ggustifikat li tigi mwiddba.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-ecceipjenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Illi f'dina l-kawza l-attrici talbet li l-Qorti tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija marbuta li tosserva l-provvedimenti tal-ftehim kollettiv fir-rigward tal-proceduri ta' dixxiplina u li s-socjeta' konvenuta naqset li tosservahom meta harget il-*warnings* tal-21 ta' Ottubru, 1999 u tal-4 ta' Novembru, 1999.

Il-konvenuti eccepew li l-*warnings* hargu nkonformita' mal-Ftehim Kollettiv.

Illi wara diversi differimenti l-mertu gie cedut fis-7 ta' Frar, 2002 u l-attrici zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez (ara fol. 36).

Illi f'dina l-kawza ma saru ebda provi fuq il-mertu. Illi f'dana l-istat ta' provi il-Qorti ma tistax tghid jekk kien hemm xi diskriminazzjoni kontra l-attrici u jekk il-*warnings* hargux skond il-ftehim kollettiv jew le, konsegwentement lanqas tista' tghid jekk l-attrici kinitx gustifikata fit-talba taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet attrici stante cessjoni ta' l-istess talbiet;
bl-ispejjez kontra l-attrici.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**